**Qorti tal-Maġistrati (Malta)**
**Bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali**

**Maġistrat Dr. Donatella M. Frendo Dimech LL.D., Mag. Jur. (Int. Law)**

**Seduta Distrett San Ġiljan**

**Il-Pulizija**

**-vs-**

**Christoffel Schifo Diamantino, imwieled nhar it-8 ta' Diċembru, 1971, residenti Med Vista Block, Flat 9A, Triq San Mark, San Ġiljan, u detentur tal-Karta tal-Identità numru 85472M**

***Kaz. Nru. 1389/24***

Illum, 14 ta' Jannar, 2025

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet miġjuba fil-konfront tal-imputat;

Illi din il-kawża ġiet assenjata lil din il-Qorti kif preseduta fl-"Assenjazzjonijiet ta' Kawża" mogħti mis-S.T.O. Prim Imħallef Mark Chetcuti fit-2 ta' Frar, 2024;

Illi l-ewwel seduta minn din il-Qorti kif preseduta saret fl-24 t'April, 2024;

Rat l-atti w id-dokumenti kollha;

Semgħet ix-xhieda;

Semgħet it-trattazzjoni finali tal-partijiet;

Ikkunsidrat,

Illi nhar it-2 ta' Lulju, 2024, spontanjament *seduta stante* l-imputat iddikjara li d-daqq ta' muzika ma sarx minnu izda hu kien ippermetta lil *guests* alloġġati fl-istabbiliment tiegħu jdoqqu muzika huma fuq apparat elettroniku tagħhom.[1]

Il-kwerelant **Christian Grech** jixhed:

*"Av. Parte Civile: Ara, inti hawnhekk, ma nistax insemmilek dati, hawnhekk l-ewwel xhedt fuq kawża partikolari; qabel dik, x'rapport għamilt qabel dik id-data?*
*Il-Qorti: Din is-sena issa.*
*Av. Parte Civile: Din is-sena? Tas-sitta (6) ta' Frar,*
*Il-Qorti: iva, dik.*
*Ix-xhud: Fil-ħdax u nofs ta' billejl (11.30 p.m.).*
*Il-Qorti: X'ġara?*
*Av. Parte Civile: X'ġara dakinhar?*
*Ix-xhud: Is-soltu, bid-diski hu, Marco Polo, u irrappurtajt lill-pulizija...*
*Av. Parte Civile: Issa, bid-diski Marco Polo, kif taf li bid-diski Marco Polo? Xi smajt u x'rajt?*
*Ix-xhud: Smajt, u mort is-soltu ġos-shaft u jinstema' li ġie d-diski minn hemm.*
*Av. Parte Civile: Issa, is-shaft –*
*Ix-xhud: Is-shaft intern bejn Marco Polo u l-blokka tagħna, u smajtu ġej minn hemm, bħas-soltu hu, bħal filmati li dejjem ġbidt.*
*Il-Qorti: Għandek xi evidenza tas-sitta (6) –*
*Ix-xhud: Le, dakinhar ma jidhirlix li għandi.*
*Av. Parte Civile: Issa, dakinhar inti x'rajt? Tista' tara x'inhu għaddej?*
*Ix-xhud: Le, jiena ma nistax nara għax irrid nitla' b'sellum hu biex nara.*
*Av. Parte Civile: Għaliex? X'għamel mela?*
*Ix-xhud: Għax għamel ħajt minn dawn li jsaqqfu, tal-aluminium bil-polyfoam, is-soltu, bla permess, u għalaq il-vista li ma nistax nara hux.*
*Av. Parte Civile: Issa, meta kien hemm dan l-istorbju u semmejt inti fil-ħdax u nofs ta' billejl (11.30 p.m.), inti x'għamilt minn naħa tiegħek?*
*Ix-xhud: Jiena ċempilt lill-pulizija u irrappurtajt u ġew iwaqqfuh, u xorta kompla jiġifieri, tefa' id-diski u reġa' kompla hux.*
*Av. Parte Civile: Mela inti għidtilna li ġew il-pulizija. Taf min ġie?*
*Ix-xhud: Le, le, ma nafx min ġie. Ma nafx min ġie fuq il-post. Mort nagħmel ir-rapport. Ma nafx in-numru tiegħu.*
*Av. Parte Civile: All right, jiġifieri inti għidtilna ġie pulizija fuq il-post; u wara, dan il-pulizija x'għamel?*
*Ix-xhud: Tela' għand Marco Polo,*
*Av. Parte Civile: Eħe, u inti minn hemmhekk x'taf inti, wara li l-pulizija tela' għand Marco Polo?*
*Ix-xhud: Li qalli li ħa jwaqqfu u ħa jitla' mingħandu hu.*

---
[1] Fol.15

*Av. Parte Civile: Issa, meta effettivament mar il-pulizija, l-istorbju għal dak il-mument...*
*Ix-xhud: Intefa, intefa d-diski.*
*Av. Parte Civile: Jiġifieri għal dak il-mument...*
*Ix-xhud: id-diski ntfew.*
*Av. Parte Civile: Issa, imbagħad wara meta telqu l-pulizija, meta reġa' nxtegħel?*
*Ix-xhud: Sorry?*
*Av. Parte Civile: Inti għidtilna li l-pulizija mar, għal dak il-mument intefa,*
*Ix-xhud: Eħe, intefa, u qisu wara siegħa reġa' nxtgħel.*
*Av. Parte Civile: Reġa' nxtgħel."*

**Malcolm Zerafa,** in rappreżentanza tal-Malta Tourism Authority, esebixxa dokumenti li jindikaw li Marco Polo Hostel kienet liċenzjata bħala Third Class Restaurant u f'liema lokal ma kienx permess li tindaqq mużika.[2] Jixhed ***"... f'dan il-kaz partikolari ma hemm l-ebda permess ta' amplified music".***[3]

Ghaldsaqtant qed tinstab ħtija dwar it-tielet imputazzjoni.

Mid-dokument pprezentat mix-xhud (li jerġa jagħmel riferenza għalih u jikkonfermah meta xehed nhar il-5 ta' Novembru, 2024, jirrizulta li Malo Henri Pierre Antoine u *substitutes* oħra ġew reġistrati b'effett mill-20 ta' Marzu, 2024 *"Registered Substitutes .....**WEF 20/03/24**"*[4] u għalhekk aktar minn xahar wara id-data tal-ispezzjoni u ċioe dik tas-6 ta' Frar, 2024.

Dan iwassal lil Qorti biex isib htija rigward it-tieni imputazzjoni.

Ikkunsidrat,

Illi ġiet sollevata l-eċċezzjoni tal-preskrizzjoni in kwantu għall-ewwel u għat-tielet imputazzjoni.[5]

Illi mill-atti jirrizulta li meta l-imputat ġie notifikat nhar il-21 ta' Marzu 2024, hu ma ġiex notifikat biċ-ċitazzjoni izda semplicement bl-avviz għad-dehra[6] kif anke jikkonferma **PC1095 Karl Falzon**.[7] L-imputat deher għas-seduta tal-24 t'April, 2024[8] meta saret l-ewwel seduta minflok dik li kellha ssir nhar l-10 t' April, 2024.

---

[2] Fol.37 et seq
[3] Fol.39
[4] Fol.29
[5] Fol.35
[6] Fol.34
[7] Fol.46 et seq
[8] Fol.11

Huma biss l-imputazzjonijiet wieħed (1) u erba' (4) li għalihom hemm kontemplata piena kontravvenzjonali; ir-raba imputazzjoni iġorr magħħa piena ta' ammenda.[9]

Fost il-pieni kontemplati bl-artikolu 319 tal-Kodiċi tal-Liġijiet tal-Pulizija, Kapitolu 10 tal-Liġijiet ta' Malta, għall-imputazzjonijiet li jiffiguraw fit-tieni u fit-tielet akkuza, hemm kontemplata l-piena tal-multa jew priġunerija sa zmien xahar. Għaldaqstant it-terminu preskrittiv u dak kontemplat bl-artikolu 688(e) u ċioe dak ta' **sentejn**.

Isegwi għalhekk li l-imputat għandu jigi liberat limitatament in kwantu għall-ewwel (1) u għar-raba (4) imputazzjoni fuq il-preskrizzjoni trimestrali.

**Piena**

In konsiderazzjoni tal-piena, minbarra li qieset in-natura tal-imputazzjonijiet li qed tinstab ħtija dwarhom, il-Qorti, ikkunsidrat li dan kien inċident ta' darba. Madanakolu irid jiġi rikonoxxut li mhux tollerabbli li fl-ezerċizju tan-negozju w bil-għan li persuna tarrikixxi ruħha, din tagħmel dan a skapitu ta' terzi u għad-drittijiet tagħhom. Ma għandux ikun li sempliċement għall-profitt ta' whud, persuni lanqas ma baqalgħom rifuġju bejn l-erba' ħitan ta' darhom u minflok jiġu rezi skjavi ġo darhom stess meta gratwitament u bla skruplu jisfaw soġġettati għal dak li potenzjlament jista' jissarraf f'detriment għas-saħħa kemm psikoloġika u/jew fizika tagħhom.

**Decide**

Għal dawn il-motivi l-Qorti, filwaqt li tillibera lill-imputat fuq l-ewwel (1) u r-raba' (4) imputazzjoni, issibu ħati tal-kumplament nu tikkundannah għal **multa t' erba' mija w ħamsin ewro (€450).**

**Dr. Donatella M. Frendo Dimech**
**Maġistrat**

[9] Vide Artikolu 18(1) tal-kapitolu 441 tal-Liġijiet ta' Malta